# L-istatwa ta' San Ġużepp fil-knisja parrokkjali

**minn Joseph C. Camilleri**

Il-Ħamrun flimkien ma' Ħaż-Żebbuġ, Ħal Għaxaq u Ħal Kirkop għandhom xi ħaġa komuni. Kollha għandhom il-festa sekondarja dedikata lil San Ġużepp. Naturalment hemm oħrajn bħax-Xagħra li għadhom ukoll lil San Ġużepp bħala festa sekonda.

Il-Ħamrun hu marbut ma' San Ġużepp. Il-bidu tiegħu kien riżultat ta' kappella li kien bena wieħed membru ta' l-Ordni ta' San Ġwann. Kien żmien meta l-kult ta' San Ġużepp kien qed jinxtered ma' kull riħ tad-dinja nisranija. Tant li fl-1620 l-Isqof ta' Malta Mons. Cagliagares kien għamel il-festa ta' dan il-qaddis bħala Festa Kmandata.

Il-membru kien il-Kavallier Eugenio Ramirez Maldonato. Il-kappella ta' dan il-qaddis spiċċat u llum hemm dik tas-Soċjetà ta' San Pawl. Iżda l-kult baqa' jgħix tant li l-inħawi saru għal xi żmien magħrufin bħala Casale San Ġużeppe u t-triq kienet magħrufa bħala Via San Ġużeppe. Illum, magħrufa bħala Triq Irjali San Ġużepp.

Meta l-Ħamrun kien ser isir parroċċa n-nies ħasbu li kien ser ikun ddedikat lil San Ġużepp. Iżda minħabba forsi l-ftehim bejn il-familja ta' Nazju Falzon u l-Isqfijiet Publiju M. Sant u Gejtanu Pace Forno biex jagħmlu l-knisja l-ġdida ta' l-Imsida ddedikata lil San Ġużepp, u billi l-Ħamrun huwa viċin ħafna ta' l-Imsida l-Ħamrun ġie mogħti lil San Gejtanu.

Meta kellhom knisja li wara saret parrokkjali l-Ħamruniżi l-ewwel ħaġa li kienu għamlu kienu li ordnaw statwa ta' San Ġużepp. Tant li qabel is-sena 1873 diġà kien hemm statwa ta' dan il-qaddis fil-Knisja ta' San Gejtanu. Din hija statwa ta' stil tradizzjonali. Naraw lil-qaddis



*L-artal ta' San Ġużepp fil-Knisja Parrokkjali.*



IL-VARA TA' SAN ĠUŻEPP
xogħol ta' Ġlormu Darmanin

bil-wieqfa u fuqu hemm Ġesù Bambin. Ma hemmx xi ideat ġodda bħalma għamel Abram Gatt fuq l-istatwa ta' San Ġużepp għal Bormla.

Ix-xogħol ta' fuq l-istatwa sar minn Ġlormu Darmanin fl-1873 jiġifieri 8 snin qabel ma l-Ħamrun sar parroċċa. L-istatwa tpoġġiet jew fuq pedestall proviżorju jew għamlulha xi speċi ta' kaxxa għaliex il-pedestall tagħha sar wara jiġifieri fl-1878. Dan huwa xogħol ta' Paolo Schembri u qam madwar 30 skud.

Billi kien hawn f'Malta seħer ta' Karlu Darmanin u billi l-ħanut tax-xogħol tiegħu kien fil-qrib, jiġifieri fit-triq Via San Ġiuseppe, wieħed kien jaħseb li din l-istatwa saret minnu. Iżda dan ma sarx u din l-istatwa hija waħda mix-xogħlijiet ta' membru ieħor tal-familja Darmanin - Ġlormu.

Fl-istatwa hemm rabta mill-qrib bejn San Ġużepp u l-iben putattiv. Hemm rabta umana ta' bejn missier u iben. San Ġużepp għandu l-bastun u l-ġilju, s-simboli ta' dan il-qaddis.

Din hija l-istatwa sekondarja tal-Ħamrun. Hija ironija li s-sekonda hija statwa eqdem mit-titular. Iżda l-istorja tal-kult Ġużeppin f'dan il-post ħadet dawra sewwa għaliex minflok San Ġużepp, l-parroċċa sabet lil San Gejtanu bħala patrun tagħha.

**Referenza**

Kittieba diversi, il-Knejjes parrokkjali ta' Malta u l-festi tagħhom. Vol. I. Malta 1993.

John Hili

**Frame Maker**

Wholesaler of Moulding — Readymade Frames Plastified and Satin Print — Tapest, Modern Prints, etc...

**147, High Street, Ħamrun**
**Tel: 220582**